# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 24 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 29.
Citazz. Nru. 2049/00 JRM

**Costantino u Rosina konjugi GALEA**

**vs**

**UFFICCJU KONGUNT**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-28 ta' Settembru, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-attur Costantino Galea akkwista l-utile dominju temporanju ghaz-zmien li fadal mill-koncessjoni enfitewtika temporanja ta' disgha u disghin sena li ghalqet fil-15 t'Awissu 1988 tal-fond 1,

St. Mary's Street, Rabat milll-wirt tal-mejta genituri tieghu Paolo u Maria Rosa konjugi Galea skond testment tas-26 ta' Mejju 1961 fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Abela li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Illi dan ic-cens annwu u temporanju impost fuq il-fond imsemmi ta' 10c kien jithallas lill-Katidral Metropolitan ta' Malta u sussegwentement lil Joint Office file no. JO/P/533/95 li kopji taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. B, C u D;

Illi l-atturi huma l-okkupanti tal-fond fuq imsemmi 1, St. Mary's Street, Rabat liema fond kienu jokkupaw fit-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika temporanja bhala r-residenza temporanja taghhom;

Illi din il-koncessjoni enfitewtika temporanja li ghalqet fil-15 t'Awissu 1988 kienet wahda ghal aktar minn 30 sena;

Illi l-atturi huma cittadini ta' Malta;

Illi a tenur tal-artiklu 12 tal-att XXIII tal-1979, l-atturi ghandhom dritt jikkonvertu din il-koncessjoni enfitewtika temporanja f'wahda perpetwa;

Illi a tenur tal-artiklu 12 tal-att XXIII tal-1979, huma ghandhom dritt jitolbu l-konvenut jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku skond il-ligi;

Illi din il-koncessjoni enfitewtika temporanja li skadiet fil-15 ta' Awissu 1988 giet konvertita f'wahda perpetwa fejn l-atturi huma l-utilisti tad-dominju perpetwu tal-fond 1, St. Mary's Street, Rabat u ghandhom ihallsu cens annwu u perpetwu ta' 60c fis-sena liema cens ghandu jigi rivedut darba kull hmistax-il sena skond ir-rata ta' inflazzjoni pero' qatt iktar mid-doppju;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma l-utilisti perpetwi tal-fond 1, St. Mary's Street, Rabat, Malta kif soggett ghar-rata tieghu ta' cens annwu u perpetwu ta' 60c rivedibbli kull hmistax-il sena mill-15 t'Awissu 1988 u dan skond ir-rata ta' inflazzjoni liema zieda qatt m'ghandha tkun aktar mid-doppju ta' dak li jkun qed jithallas qabel tali awment;

2. Tikkundanna lill-konvenut jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili relattiv fejn il-konvenut jirrikonoxxi lill-atturi bhala l-utilisti perpetwi tal-fond 1, St. Mary's Street, Rabat, Malta kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu rivedibbli ta' 60c;

3. Tinnomina n-Nutar Dottor Rachel Farrugia biex tippubblika l-att relattiv tal-koncessjoni enfitewtika perpetwa a tenur tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta artiklu 12 sub-artiklu 4,5 u 6 f'data, hin u lok kif stabbilit minn din il-Qorti;

4. Tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw l-eventwali kontumacja tal-konvenut fuq l-att relattiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali ta' Otturu 1996 u tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet taghha tal-10 t'Ottubru, 2000, li bih appuntat il-kawza ghas-Smigh ghas-Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2000;

Rat illi l-imharrek, notifikat kif imiss b'kopja tal-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smigh fl-24 t'Ottubru, 2000 (pagni 15 u 16 tal-process), naqas li jressaq Nota tal-Eccezzjonijiet fiz-zmien

moghti lilu mil-ligi jew li jidher jew imqar ikun rappresentat waqt il-kawza kull meta ssejhet, u b'hekk waqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda tal-atturi;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-atturi;

Rat id-Degrieti taghha tas-7 ta' Frar, 2001, 22 ta' Marzu, 2001, u 26 t'April, 2001, li bihom halliet il-kawza ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-atturi qeghdin jitolbu li, bhala utilisti tal-post numru 1, Triq Santa Marija, Rabat, il-jedd ta' utli dominju temporanju li huma kienu jgawdu jiddawwar f'jedd ta' utili dominju ghal dejjem bis-sahha tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi mill-provi mressqa, ntwera li l-attur wiret il-post imsemmi b'titolu ta' legat mill-wirt tal-genituri tieghu (Dok "A" f'pagna 5 sa 10 tal-process). Il-post kien mizmum mit-testaturi b'titolu ta' utili dominju temporanju ghal disgha u disghin (99) sena li bdew fl-elf tmien mija u disgha u tmenin (1889). Ghalhekk, il-koncessjoni enfitewtika li ghaliha l-post kien suggett kienet ta' izjed minn tletin (30) sena u maghmula, naturalment, qabel il-21 ta' Gunju, 1979;

Illi ghalkemm il-kuntratt innifsu li bih inghata c-cens ma giex imressaq fl-atti tal-kawza, hemm dokument (Ricevuta GA17647 li taghmel parti minn Dok "B" f'pagna 11 tal-process) li jixhed dan. Id-Dokument huwa mahrug mill-awtur tal-Ufficcju mharrek;

Illi ntwera wkoll li l-post li dwaru saret din il-kawza hija d-dar tal-abitazzjoni ordinarja tal-atturi (Dok "Z" f'pagna 19) u ilha hekk ghal zmien twil qabel ma ghalaq ic-cens u ghadha hekk sallum;

Illi ntwera wkoll li l-atturi huma cittadini Maltin;

Illi tressqu provi li juru li s-sidien diretti, ukoll wara li ghalaq ic-cens, baqghu jaccettaw il-hlas ta' ghaxar centesmi (Lm0.10) fis-sena minghand l-atturi, jigifieri c-cens li kien miftiehem fil-kuntratt u li kien jithallas sa qabel ghalaq iz-zmien tal-koncessjoni enfitewtika (Dokti. "B", "C" u "D" f'pagni 11 sa 13). Dan il-fatt jixhed l-gharfien li l-Ufficcju mharrek jaghti lill-attur bhala censwalist, ukoll wara li ghalaq iz-zmien originali tal-ghotja b'cens;

Illi l-ligi ma torbotx lic-censwalist meta ghandu jitlob li cens ghal zmien jiddawwar f'wiehed ghal dejjem: huwa biss f'kaz fejn il-post ikun mizmum minn okkupant iehor li mhux ic-censwalist li l-ligi taghti lil dak l-okkupant il-jedd li jitlob li, minflok ic-censwalist, jintgharaf hu bhala l-utilista perpetwu jekk ic-censwalist jonqos li jaghmel talba bhal dik fi zmien sitt (6) xhur minn meta l-jedd ikun esercitabbli [art. 12(5) tal-Kap 158];

Illi, madankollu, ladarba talba bhal dik issir (kemm mill-utilista jew kif ukoll mill-okkupant, u ssir talba wkoll biex isir kuntratt pubbliku f'dan is-sens, il-ligi tghid li s-sid dirett ghandu jilqa' dik it-talba [art 12(6) tal-Kap 158];

Illi, ghal dan ir-rigward, u minn dak li jirrisulta mill-atti tal-process, jidher li l-atturi sehhilhom juru li ghandhom l-elementi kollha mehtiega biex iressqu t-talbiet taghhom kontra l-Ufficcju mharrek fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-ligi ghar-rigward;

Illi, min-naha tieghu, l-Ufficcju mharrek ma cahad xejn minn dak li ressqu l-atturi, ghaliex, kif inghad, lanqas biss qatt deher jew ressaq oggezzjoni formali jew imqar ressaq sottomissjonijiet dwar it-talbet attrici, kif kellu kull jedd jaghmel;

Illi, minhabba din il-kontumacja, u kif ukoll minhabba l-fatt li l-Qorti taf li l-artikoli tal-ligi li fuqhom l-atturi qeghdin iserrhu t-talbiet taghhom huma bhalissa suggett ta' kontroversja legali li tolqot sahansitra l-validita' kostituzzjonali taghhom [ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-**3 t'Ottubru, 2000**, fil-kawza fl-

ismijiet _Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et_], huwa xieraq li l-qies li din il-Qorti se tiehu tat-talbiet attrici jkun mehud taht il-possibilita' li dik il-kontroversja tolqot fl-ahharnett il-jeddijiet tal-atturi fil-gejjieni;

Illi, madankollu, minhabba li dik il-kontroversja ghadha mhix definita, u minhabba li, fil-waqt li qeghda tinghata din is-sentenza il-ligi applikabbli ghall-kaz ghadha fis-sehh, din il-Qorti thoss li ghandha tapplikaha bi dmir. Minbarra dan, ic-cirkostanzi ta' din il-kawza ghandhom element radikalment differenti minn dawk applikabbli fil-kawza appena msemmija. Dan jinghad ghaliex filwaqt li s-sidien diretti f'dik il-kawza huma persuni jew interessi privati, f'din il-kawza ssid dirett huwa l-Istat, jew ahjar, agenzija tieghu mahluqa bis-sahha tal-artikolu 4 tal-Kap 358 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-Ufficcju mharrek;

**Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi**, u tiddikjarahom bhala utilisti ghal dejjem tal-post numru 1, Triq Santa Marija, Rabat, u dan bic-cens imsemmi fl-istess talba u li jiggedded biz-zidiet mahsuba fl-artikolu 12 (4) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Tilqa t-tieni talba** u tordna lill-Ufficcju Kongunt li jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt nutarili li jaghraf lill-atturi bhala utilisti ghal dejjem tal-imsemmi fond kif inghad, u skond ma jipprovdi l-artikolu 12 (6) tal-imsemmi Kapitolu 158;

**Tilqa' t-tielet talba** u tordna li l-att nutarili relattiv jigi ppubblikat min-Nutar Dottor Rachel Farrugia fil-bini tal-Qorti nhar it-Tnejn hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju, tas-sena kurrenti (2001) fil-hdax ta' filghodu (11.00 a.m.); u

**Tilqa' r-raba' talba** billi tahtar lill-Avukat Dottor Daniela Borg bhala kuratur ghall-kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kollha jithallsu mill-Ufficcju mharrek.

*24 ta' Mejju, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**24 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Mejju, 2001.**